

## Proposta għal

### REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru .../...

ta' [...]

**li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 (5) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex titjeb l-effiċjenza fl-infiq fil-proċess ta' ċertifikazzjoni fl-Ewropa, jeħtieġ li jiġi introdott tibdil fir-rekwiżiti u l-proċeduri għaċ-ċertifikazzjoni ta' inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat u ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom, b'mod partikolari terġa' tingħata konsistenza fiċ-ċertifikazzjoni ta' unitajiet ta' qawwa awżiljarja u l-approvazzjoni ta' tiswijiet ta' dawk l-unitajiet;
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 tal-24 ta' Settembru 2003 li jstabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom<sup>2</sup> għandu għalhekk jiġi emendat bix-xieraq;
- (3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-opinjoni maħruġa mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni<sup>3</sup> f'konformità mal-Artikoli 17(2)(b) u 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008;
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni maħruġa mill-Kumitat tal-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni stabbilit mill-Artikolu 65(4) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1702/2003 huwa emendat kif ġej:

1. L-Anness (Parti-21) huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

<sup>1</sup> ĠU L 79, 19.03.2008, p.1

<sup>2</sup> ĠU L 243, 27.9.2003, p.6 Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1057/2008 (ĠU L 283, 28.09.2008, p. 30)

<sup>3</sup> Opinjoni 02/2009 dwar "Tiswijiet u tibdil fid-disinn fl-Ordni ta' Standard Tekniku Ewropew (ETSO)"

*Artikolu 2*  
*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidhhol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kummissjoni*

## **ANNEX**

1. L-Anness (Parti-21) għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1702/2003 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fil-punt 21A.263(c), il-punt (5) huwa sostitwit b'dan li ġej:
  5. biex japprova d-disinn ta' tiswijiet maġġuri ta' prodotti jew Unitajiet ta' Qawwa Awżiljarja li għalihom ikollu ċertifikat tat-tip jew ċertifikat supplimentari tat-tip jew awtorizzazzjoni tal-ETSO.
- (2) Fil-punt 21A.431, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:
  - (d) Disinn ta' tiswija fuq oġġett tal-ETSO għajr Unità ta' Qawwa Awżiljarja (APU) għandu jiġi meqjus bħala tibdil fid-disinn tal-ETSO u għandu jiġi pproċessat f'konformità ma' 21A.611.
- (3) Fil-punt 21A.433(a), il-punt (1) huwa sostitwit b'dan li ġej:
  1. Juri konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mal-kriterji tal-protezzjoni ambjentali inkorporati b'referenza fiċ-ċertifikat tat-tip, fiċ-ċertifikat supplimentari tat-tip jew awtorizzazzjoni APU tal-ETSO, kif applikabbli, jew ma' dawk li jkunu effettivi fid-data tal-applikazzjoni (għall-approvazzjoni tad-disinn ta' tiswija), kif ukoll ma' kwalunkwe emenda għal dawk l-ispeċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni jew kondizzjonijiet speċjali li l-Aġenzija tqis meħtieġa sabiex ikun stabbilit livell ta' sigurtà simili għal dak stabbilit bil-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip inkorporata b'referenza fiċ-ċertifikat tat-tip, fiċ-ċertifikat supplimentari tat-tip jew fl-awtorizzazzjoni APU tal-EPISO.
- (4) Fil-punt 21A.433, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:
  - (b) Fejn l-applikant ma jkunx id-detentur taċ-ċertifikat tat-tip, taċ-ċertifikat supplimentari tat-tip jew detentur tal-awtorizzazzjoni APU tal-EPISO, kif applikabbli, l-applikant jista' jikkonforma mal-kriterji tal-paragrafu (a) permezz tal-użu tar-riżorsi tiegħu stess jew inkella permezz ta' arranġament mad-detentur ta' ċertifikat tat-tip, taċ-ċertifikat supplimentari tat-tip u mad-detentur tal-awtorizzazzjoni APU tal-EPISO, kif applikabbli."
- (5) Il-punt 21A.437 huwa sostitwit b'li ġej:

### **21A.437 Il-ħruġ ta' approvazzjoni ta' disinn ta' tiswija**

Meta jiġi ddikjarat u jintwera bis-sħiħ li d-disinn tat-tiswija jissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet applikabbli taċ-ċertifikazzjoni u l-kriterji tal-protezzjoni ambjentali ta' 21A.433(a)(1), dan għandu jiġi approvat:

- (a) mill-Aġenzija, jew
  - (b) minn organizzazzjoni approvata bix-xieraq u li jkollha wkoll iċ-ċertifikat tat-tip, iċ-ċertifikat supplimentari tat-tip, jew awtorizzazzjoni APU tal-EPISO, skont proċedura li dwarha jkun hemm ftehim mal-Aġenzija, jew
  - (c) għal tiswijiet minuri biss, minn organizzazzjoni tad-disinn approvata kif suppost taħt proċedura li fuqha jkun hemm ftehim mal-Aġenzija.
- (6) Fil-punt 21A.445, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:
    - (b) Fejn l-organizzazzjoni li tkun qiegħda tevalwa d-difett taħt il-paragrafu (a) la tkun l-Aġenzija u lanqas id-detentur taċ-ċertifikat tat-tip, taċ-

ċertifikat supplimentari tat-tip jew id-detentur tal-awtorizzazzjoni APU tal-EP SO, din l-organizzazzjoni għandha tiġġustifika li l-informazzjoni li fuqha hija bbażata l-evalwazzjoni tkun waħda adegwata jew mir-riżorsi ta l-organizzazzjoni stess jew permezz ta' ftehim mad-detentur taċ-ċertifikat tat-tip, taċ-ċertifikat supplimentari tat-tip jew tal-awtorizzazzjoni APU tal-EP SO, jew il-manifattur, kif applikabbli.

- (7) Fil-punt 21.451(a), il-punt 1 (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- (ii) impliċiti fil-kollaborazzjoni mad-detentur taċ-ċertifikat tat-tip, taċ-ċertifikat supplimentari tat-tip u mad-detentur tal-awtorizzazzjoni APU tal-EP SO, taħt 21A.433 (b), kif xieraq.
- (8) Fil-punt 21A.451, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- (b) Ħlief għad-detenturi ta' ċertifikat tat-tip jew detenturi tal-awtorizzazzjoni APU tal-EP SO li għalihom ikun japplika 21A.44, id-detentur tal-approvazzjoni ta' disinn ta' tiswija minuri għandu:
1. jissodisfa l-obbligi stabbiliti f'21A.4, 21A.447 u 21A.449; u
  2. jispeċifika l-immarrkar, inklużi l-ittri AEP, f'konformità ma', 21A.804(a).
- (9) Fil-punt 21A.604, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- (b) is-Sub-parti D jew is-Sub-parti E ta' din il-Parti 21 tapplika għall-approvazzjoni ta' tibdil fid-disinn b'deroga minn 21A.611. Meta tintuża s-Sub-parti E, għandha tinħareġ awtorizzazzjoni separata tal-ETSO minflok ċertifikat supplimentari tat-tip.
- (10) Fil-punt 21A.604, il-punt (c) huwa miżjud kif ġej:
- (c) Subparti M ta' din il-Parti 21 tapplika għall-approvazzjoni ta' disinni ta' tiswija.